# Minuti

## Seduta Nru. 12/2011

Data: Il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Kampanja BLS ma' Profs Victor Sultana
5. Data għal laqgħa Pubblika
6. Tender tal-Bandli
7. Problema tal-Parking Ġewwa s-Swatar
8. *Traffic Management*
9. Ismijiet Ġodda tat-Toroq li huma Bla Isem
10. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat
11. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*
12. Għeluq

---

**Kontenut**

Annex A Minuti 12/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 12/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 11/2011 li saret nhar is-6 ta' Mejju 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.3 –** Is-Sur Mario Xuereb ma kellux iċ-ċans ikellem lis-Superjur.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

**3.2** **Fuq punt 3.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mas-Sinjura Maria Theresa sabiex il-parkeġġ li sar jitwessa peress li mhux kbir biżżejjed biex jipparkjaw il-vannijiet u jniżżlu l-*lifter*.

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

3.2.1 Is-Sinjura Yvonne Spiteri ssuġġeriet li l-parkeġġ isir fit-tarf tat-Triq sabiex ma jinħlewx żewġ parkeġġi u l-*lifter* ikun jista' jinżel bla problemi. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suġġeriment.

**3.3** **Fuq punt 3.6 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fuq dan il-proġett, flimkien maċ-*Chairperson* u s-Sinjura Yvonne Spiteri, tkellem mas-Sindku ta' Birkirkara fejn hu lest li jgħin lill-Kumitat. Is-Sindku qal li diġa għandu tabella lesta u l-Kumitat jista' jiddeċiedi fejn irid iwaħħalha u l-flus li jiġbor minnha joħodhom il-Kumitat.

Tabelli ta' Informazzjoni tal-Ħwienet fit-Toroq.

3.3.1 Għal laqgħa li jmiss, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jippreżenta lista ta' ħwienet li hemm fis-Swatar kif ukoll fejn qegħdin it-tabelli l-antiki tal-ħwienet.

**3.4** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-laqgħat mal-aġenziji għandhom isiru fis-Sajf kif maqbul mill-Kumitat fil-laqgħa 11/2011. Dawn il-laqgħat għandhom isiru wara li tiġi diskussa l-problema ta' parkeġġ fis-Swatar u jsir pjan kif il-Kumitat għandu jimxi.

Problema ta' Parkeġġ.

**3.5** **Fuq punt 3.8 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-ritratti tal-ħajt tas-Sejjiegħ imwaqqa fit-Triq tal-Qattus fejn dan għadu mwaqqa. Il-Kunsill bagħat *reminder* lis-sid ta' dan il-ħajt sabiex jiġi rranġat. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat risposta lill-Kunsill ta' Birkirkara li jekk dan il-ħajt ser idum ma jiġi rranġat, dan il-każ jiġi rrapurtat lill-Pulizija.

Siti Perikolużi.

3.5.1 Il-Kumitat ddeċieda li rigward is-Siti perikolużi kollha li l-Kumitat identifika, tintbgħatilhom ittra bl-avukat sabiex il-periklu jitneħħa.

**3.6** **Fuq punt 3.10 -** Il-Kumitat għadu ma ddeċiediex fejn ser issir l-attivita' ta' Settembru 2011. Din l-attivita' preferibbilment għandha ssir ġo Triq wiesgħa. Attivita' fis-Swatar

**3.7** **Fuq punt 3.13 –** L-iskedar tal-laqgħa mas-Sur Victor Mifsud rigward il-Kunsill taż-Żagħżagħ ser issir mis-Segretarju Eżekuttiv wara li ċ-*Chairperson* tibgħatlu d-dettalji tas-Sur Mifsud. Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.8** **Fuq punt 3.16 –** Iċ-*Chairperson* qalet li waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Imsida intqal li l-Kunsill tal-L-Imsida mhux ser jidħol fiha peress li r-residenti resqu l-Qorti lis-sid tal-post tal-garaxxijiet fejn hemm karozzi maqbuda fuq l-istess garaxxijiet. Tarmac fi Triq il-Ġostra.

3.8.1 Il-Kumitat iddeċieda li dan il-każ jingħalaq peress la darba hemm każ il-Qorti ma jista' jsir xejn, il-Kumitat ma jidħolx fiha aktar u m'għandux għalfejn jiltaqa' mar-residenti.

**3.9** **Fuq punt 3.17 –** Is-Sinjura Yvonne Spiteri infurmat lill-Kumitat fuq il-laqgħa mas-Sur Haurice Portelli tal-Librerija Pubblika. Preżenti kien hemm iċ-Chairperson, Is-Sinjura Yvonne Spiteri u l-Aġent Segretarju. Is-Sur Portelli lest li jagħmel *talk* mingħajr ħlas lir-residenti tas-Swatar sabiex jippromwovi l-importanza tal-qari iżda biex tkun tista' ssir *Story Telling*, il-Kumitat irid iqabbad 'l xi ħadd iżda din il-persuna trid titħallas. Edukazzjoni mill-Qari u Story Telling.

3.9.1 Il-Kumitat iddeċieda li din it-temgħa tissemma waqt il-laqgħa pubblika sabiex il-Kumitat jara l-interess li hemm kif ukoll jara jekk ma jsibx xi volontarji li lesti li jagħmlu l-*iStory Telling*.

**3.10** **Fuq punt 4.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat fuq il-laqgħa li l-Kumitat kellu mas-Sur Adrian Strickland rigward l-istemma ġdida tal-Kumitat. Preżenti kien hemm iċ-*Chairperson* u l-Aġent Segretarju. Is-Sur Strickland spjega il-kunċett heraldiku kif ukoll ġew diskussi kif tista' ssir l-emblema tas-Swatar. Sabiex issir l-emblema minn naħa tiegħu, is-Sur Strickland kwota s-somma ta' €1,000. Stemma tal-Kumitat

3.10.1 Il-Kumitat iddeċieda li din il-kwotazzjoni hija wisq għolja li l-Kumitat m'għandhux finanzi sabiex joħroġ din l-ispiża. Il-Kumitat iddeċieda wkoll li l-istemma ssir mill-Aġent Segretarju u tiġi approvata mill-Kumitat.

3.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenta *artwork* ta' stemmi differenti sabiex il-Kumitat jagħżel minnhom. Il-Kumitat għażel stemma u ddeċieda li s-Segretarju Eżekuttiv, fuq l-istil li ntgħażel, jipprepara stili differenti kif tista' tiġi ħalli l-Kumitat, ikollu l-eżempji kollha u jagħżel waħda minnhom.

3.10.3  Bejn il-Konfini (Burdura Sewda mimlija bl-abjad) ta' Birkirkara (l-Aħmar) u tal-Imsida (Aħdar) hemm is-Swatar (Iswed).

3.11 **Fuq punt 7.1 –** Is-Sinjura Yvonne Spiteri preżentat ritratti fejn jidher il-problema ta' konġestjoni ta' traffiku quddiem is-St Martins College. Fil-ħin meta jkunu qed joħorġu t-tfal ikun hemm wisq traffiku u trid tinstab soluzzjoni. Żmien ilu kien miftihem mal-Kulleġġ li jsir forma ta' passaġġ motti (*tunnel*) fejn il-grawnd tal-futbol tal-Kulleġġ u ma jkunx hemm iktar konfużjoni. Dan qatt ma sar għar-raġuni li peress li fejn l-għelieqi, it-tfal jistgħu jieħdu xi nfezzjoni minħabba l-ħmieġ u l-insetti. Din il-problema ila ħafna għaddejja u hemm bżonn li tissolva. Taffiku quddiem is-St Martins College.

3.11.2 Il-Kumitat iddeċieda li ssir laqgħa mal-Kap tas-St Martins College u tiġi diskussa din il-problema.

# 4. Kampanja BLS ma' Profs Victor Sultana

**4.1** Il-Kumitat stieden lil Profs Victor Sultana sabiex jiddiskuti kif il-Profs Sultana jista' jgħin il-Kumtat biex tittella l-Kampanja tal-BLS kif ukoll kif jistgħu isiru l-korsijiet. Kampanja BLS

4.1.1 Il-Profs Sultana qal li hu lest li jgħati korsijiet bażiċi mhux biss tal-BLS iżda wkoll ta' First Aid. B'hekk ir-residenti jkunu jafu kif għandhom jgħatu l-ewwel għajnuna jekk persuna jkolla inċident kif ukoll dan il-course ikun utli anki sabiex jissokkorru l-membri tal-familja tagħhom. Dan il-kors, il-Profs Sultana lest li jgħatih b'xejn. Kullma jkollu bżonn sala u xi apparat sabiex ikun jista' jagħmel il-kors kif ukoll materjal u printing taċ-ċertifikati li jitqassmu lil kull persuna li tattendi l-kors.

4.1.2 Il-Kumitat iddeċieda li peress li fis-Sajf ħafna mir-residenti tas-Swatar imorru vileġġatura u ma jkunux fil-lokal, din il-kampanja għandha tiġi llonċjata f'Settembru 2011 billi:

1) L-Ewwel Ġimgħa ta' Settembru 2011 għandha ssir il-Konferenza stampa biex tiġi llonċjata din il-kampanja. Din issir minn Dr Said bħala l-Ministru responsabbli u jkun hemm ukoll il-Profs Sultana;
2) Jitqassmu l-*flyers* b'formoli lir-residenti sabiex japplikaw għal dan il-kors;
3) F' Ottubru 2011 jibdew il-korsijiet li jkunu maqsuma f'siegħa fil-ġimgħa għal bejn wieħed u ieħor tminn darbiet.

4.1.3 Is-Sur Rudolph Cini ssuġġerixxa li dan is-suġġett ikun fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss u din il-kampanja tiġi stutturata sew bid-dettal kollu. Il-Kumitat qabel.

## 5. Data għal laqgħa Pubblika

**5.1** Il-Kumitat iddeċieda li peress li fis-Sajf ħafna mir-residenti tas-Swatar imorru vileġġatura u ma jkunux fil-lokal id-data idejali għal laqgħa pubblika għandha tkun fl-14 t'Ottubru 2011, fis-6pm ġewwa s-Sala Parrokjali San Ġorġ Preca. Laqgħa Pubblika

## 6. Tender tal-Bandli

**6.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kellu laqgħa mal-Perit Valerio Schembru fejn il-Perit issuġġerixxa li t-tender joħroġ sabiex issir is-sodda tal-konkos tal-ground kif ukoll it-turf artifiċjali għax dawn it-tnejn ma jistgħux isiru separatement. It-tender ser ikun stmat €24,000. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkuntattja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida fuq dan it-tender u peress li l-Kumitat għandu €16,000 mill-iskema biss, għal kumplament, il-Kunsill tal-Imsida lest li jgħin lill-Kumitat. Barra minn hekk, il-Kumitat jista jerġa japplika għal fondi addizzjonali fuq dan il-proġett minn skema li għada kemm ħarġet permezz ta' Memo 55/2011. Tender tal-Bandli

6.1.1 Il-Kumitat qabel mal-proposta tal-Perit u ddeċieda li t-Tender għandu joħroġ fuq l-istima ta' €24,000.

6.1.2 *** Is-Sur Rudolph Cini ħareġ mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 7. Problema tal-Parking Ġewwa s-Swatar

**7.1** Is-Sur Mario Xuereb qal l-korrispondenza li saret bl-email dwar dan is-suġġett għandha tiġi mehmuża mal-minuti. Problema ta' Parking Ġewwa s-Swatar

7.1.1 Il-kumitat iddeċieda li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss iktar fil-fond fil-laqgħa li jmiss.

## 8. *Traffic Management*

**8.1** Il-Kumitat iddeċieda li peress li dan is-suġġett jieħu ħafna ħin mill-laqgħa, għandu jiġi diskuss f'laqgħa ad-hoc. Peress li is-Sur Rudolph Cini ma kienx preżenti meta ġiet diskussa din il-materja, ġew proposti żewġ dati li huma: Traffic Management

23 ta' Ġunju 2011 – 5:30pm
30 ta' Ġunju 2011 – 5:30pm
Post għandu jkun ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

## 9. Ismijiet Ġodda tat-Toroq li huma Bla Isem

**9.1** Dan is-suġġett għandu jiġi diskuss flimkien mat-*traffic management*. Toroq bla isem

## 10. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**10.1** Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 11. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**11.1** Iċ-*Chairperson* qalet li is-Sindku tal-Imsida qallha li kellu telefonata mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn ġie ordnat sabiex l-*isleeping policeman* ta' Triq Indri Grima titneħħa. Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima

11.1.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju għandu l-ewwel jivverifika mid-Dipartiment jekk ma saritx din il-komunikazzjoni u minn min.

**11.2** Iċ-*Chairperson* qalet li kellha laqgħa mal-iskola ta' Santa Theresa rigward korsijiet tal-kompjuter. L-iskola tgħat awtorita' lill-Kumitat sabiex il-korsijiet ikunu jistgħu isiru s-sena kollha. Barra minn hekk, il-Kunsill ta' Birkirkara ser jarmaw tnax il-komputer fl-iskola sabiex jintużaw għal dawn il-korsijiet. Korsijiet tal-Kompjuter

11.2.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju għandu jitkellem mas-Sindku ta' Birkirkara sabiex jara kif taħdem is-sistema tal-korsijiet li għandhom huma bħalissa u li qed isiru mill-MCA.

**11.3** Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn li s-siti perikolużi jiġu rranġati u jitneħħa l-periklu. Hemm bżonn li dawn jiġu nfurzati li jitranġaw. Siti Perikolużi

11.3.1 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li l-Kumitat jikkuntattja lill-MRRA u jara jekk ma jistgħux jiġu nfurzati li jitranġaw minn naħa tagħhom. Il-Kumitat qabel.

**11.4** Iċ-*Chairperson* qalet li hemm ħafna bankini mkissrin li wasal iż-żmien li jiġu rranġati. Skemi

11.4.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li hemm ħafna skemi li ħerġin u tajjeb li l-Kumitat jipprepara għalihom.

11.4.2 Il-Kumitat iddeċieda li l-membri kollha għandhom jaraw Memo 43/2011 u fil-laqgħa li jmiss jgħatu l-idejat tagħhom fuq liema skemi l-Kumitat għandu japplika u xi proġetti għandhom isiru.

## 12. Għeluq

**12.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

*Chairperson*, KAS

Aġent Segretarju, KAS

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **3.1** | **Fuq punt 3.3**<br>Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Is-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur. | Is-Sur Mario Xuereb |
| **3.2** | **Fuq punt 3.5**<br>*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **3.3** | **Fuq punt 3.6**<br>Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jippreżenta lista ta' ħwienet li hemm fis-Swatar kif ukoll fejn qegħdin it-tabelli l-antiki tal-ħwienet. | Aġent Segretarju |
| **3.4** | **Fuq punt 3.7**<br>Problema ta' Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa' mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri. | Aġent Segretarju |
| **3.5** | **Fuq punt 3.8**<br>Siti Perikolużi. | Rigward is-Siti perikolużi kollha li l-Kumitat identifika, tintbgħatilhom ittra bl-avukat sabiex il-periklu jitneħħa. | Aġent Segretarju |
| **3.6** | **Fuq punt 3.10**<br>Attivita' fis-Swatar | Il-Kumitat għandu jiddeċiedi fejn ser issir l-attivita' ta' Settembru. | Kumitat |
| **3.7** | **Fuq punt 3.13**<br>Kunsill taż-Żagħżagħ | L-iskedar tal-laqgħa mas-Sur Victor Mifsud rigward il-Kunsill taż-Żagħżagħ ser issir mis-Segretarju Eżekuttiv wara li ċ-*Chairperson* tibgħatlu d-dettalji tas-Sur Mifsud. | Aġent Segretarju |
| **3.9** | **Fuq punt 3.17**<br>Edukazzjoni mill-Qari | Din it-temgħa tissemma waqt il-laqgħa pubblika sabiex il-Kumitat jara l-interess li hemm kif ukoll jara jekk ma jsibx xi volontarji li lesti li jagħmlu l-*iStory Telling*. | Aġent Segretarju |
| 3.10.2 | **Fuq punt 4.1**<br>Stemma tal-Kumitat | Il-Kumitat għażel stemma u ddeċieda li s-Segretarju Eżekuttiv, fuq l-istil li ntgħażel, jipprepara stili differenti kif tista' tiġi ħalli l-Kumitat, ikollu l-eżempji kollha u jagħżel waħda minnhom. | Aġent Segretarju |
| 3.11.2 | **Fuq punt 7.1**<br>Taffiku quddiem is-St Martins College. | Issir laqgħa mal-Kap tas-St Martins College. | Aġent Segretarju |
| **4.1** | Kampanja BLS | Dan is-suġġett ikun fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss u din il-kampanja tiġi stutturata sew bid-dettal kollu | Aġent Segretarju |
| **5.1** | Laqgħa Pubblika | Il-laqgħa pubblika għandha ssir fl-14 t'Ottubru 2011, fis-6pm ġewwa s-Sala Parrokjali San Ġorġ Preca. | Aġent Segretarju |

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 6.1.1 | Tender tal-Bandli | Tender għandu joħroġ fuq l-istima ta' €24,000. | Aġent Segretarju |
| 7.1.1 | Problema ta' Parking Ġewwa s-Swatar | Dan is-suġġett għandu jiġi diskuss iktar fil-fond fil-laqgħa li jmiss. | Aġent Segretarju |
| 8.1 | Traffic Management | Issir laqgħa Ad-hoc | Aġent Segretarju |
| 9.1 | Toroq bla isem | Tiġi diskussa fil-laqgħa tat-*Traffic Management*. | Aġent Segretarju |
| 11.1.1 | Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima | L-Aġent Segretarju għandu l-ewwel jivverifika mid-Dipartiment jekk ma saritx din il-komunikazzjoni u minn min. | Aġent Segretarju |
| 11.2.1 | Korsijiet tal-Kompjuter | L-Aġent Segretarju għandu jitkellem mas-Sindku ta' Birkirkara sabiex jara kif taħdem is-sistema tal-korsijiet li għandhom huma bħalissa u li qed isiru mill-MCA. | Aġent Segretarju |
| 11.3.1 | Siti Perikolużi | L-Kumitat jikkuntattja lill-MRRA u jara jekk ma jistgħux jiġu nfurzati li jitranġaw minn naħa tagħhom. | Aġent Segretarju |
| 11.4.2 | Skemi | L-membri kollha għandhom jaraw Memo 43/2011 u fil-laqgħa li jmiss jgħatu l-idejat tagħhom fuq liema skemi l-Kumitat għandu japplika u xi proġetti għandhom isiru. | Membri KAS |